**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

**Vs**

**Demba Yunusa**

**Illum 19 ta' April 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Demba Yunusa, ta' sebgħa u għoxrin (27) sena, iben Konteh u Nenegally Jallovv, imwieled Bisandugu, nhar l-1 ta' Jannar 1996, residenti ġewwa 22A, Triq Falzon, Sliema, u detentur ta' Passaport mir-Repubblika tal-Gambja bin-numru PC644208, talli nhar it-18 ta' April 2023, għall-ħabta ta' 14:20hrs u fiż-żmien ta' qabel, ġewwa Ġnien Spinola, Triq Ross, San Ġiljan, u/jew f'inħawi oħra fil-gżejjer Maltin:

1. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (i) f'każ ta' ħtija, il-Qorti, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti; u (ii) f'każ ta' ħtija, il-Qorti tordna lil Demba Yunusa sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-Esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' liema Demba Yunusa għandhom jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex iwieġeb għall-akkużi kontra tiegħu;

Semgħet lill-imputat jiddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura mill-ammissjoni ta' ħtija tiegħu;
Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markat Dok. "A" sa' Dok. "F" u Dok. "KX" sa' Dok. "KX2";

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li fir-rigward ta' dan il-każ ma nfeħet l-ebda Inkjesta Maġisterjali;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-18 ta' April 2023, għall-ħabta ta' 14:20hrs u fiż-żmien ta' qabel, ġewwa Ġnien Spinola, Triq Ross, San Ġiljan, u/jew f'inħawi oħra fil-gżejjer Maltin: (1) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' tali imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni, il-Qorti għandha ssib lill-imsemmi imputat ħati ta' l-imputazzjoni hekk dedotta kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija, li s-sustanza misjuba fil-pussess tiegħu kienet għall-użu personali tiegħu, li għandu fedina penali Maltija netta u li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), (2)(b)(ii) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-multa ta' ħames mitt Euro (€500), liema multa għandha, in kwantu l-imputat huwa turist u ma għandux somom kbar ta' flus disponibbli b'mod immedjat, titħallas sa' mhux iktar tard mill-10 ta' Mejju 2023.

Ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lill-imputat li jekk huwa jonqos milli jħallas il-multa ta' €500 hawn imposta fuqu entro it-terminu prefiss, tali multa, jew kwalunkwe bilanċ minnha, tiġi konvertita minnufih fi priġunerija kif provdut fl-Artikolu 11 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li s-sustanza misjuba fil-pussess ta' l-imputat u esebita bħala Dok. "KX", tiġi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta u konsegwentement distrutta.

Peress illi in konnessjoni ma' dan il-każ ma nfetħet l-ebda Inkjesta Maġisterjali u f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' 534AD tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk iridx traduzzjoni bil-miktub ta' din is-sentenza f'lingwa li jifhem, iżda huwa iddikjara li huwa sodisfatt bit-traduzzjoni orali ta' din is-sentenza u b'hekk ma jeħtieġx traduzzjoni bil-miktub.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**